MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2011

Numru. 971/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR PIERRE MICALLEF GRIMAUD**
**KONTRA**

**MARTIN SEYCHELL**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Martin Seychell ta’ 55 sena, bin Baldassare u Paula nee’ Swain, mwieled Pieta’ fl- 24 ta’ April 1956, residenti 1, Blk 4, Triq Marsamxett, Valletta u detentur tal- Karta tal-Identita’ bin- numru 316056M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli;

1) Fl- 20 ta’ Awwissu 2011 ghal habta tad- 9.00pm, gewwa r- residenza 1, Blk 4, Triq Marsamxett, Valletta, bil- hsieb li jaghmel delitt wera dan il- hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall- esekuzzjoni tad- delitt, u cioe’ attentat ta’ offiza ta’ natura gravi martu Anne Seychell, ibnu Kevin Seychell u bintu Nadesh Seychell, liema delitt ma kienx gie esegwit minhabba li waqaf minn rajh milli jikkonsma d-delitti;

2) Ikkaguna hsara fil- gisem jew fis- sahha, u cioe’ offiza ta’ natura hafifa fuq martu Anne Seychell;

3) Bl- imgieba tieghu, ikkaguna lill- istess Anne Seychell, Kevin Seychell u Nadesh Seychell, biza’ li ser tintuza vjolenza kontrihom meta kien jaf jew missu kien jaf li l- imgieba tieghu se tikkaguna lil Anne Seychell, Kevin Seychell u Nadesh Seychell hekk jibzghu kull darba minn dawk l- okkazjonijiet;

4) Gab ruhu b’ mod lit a fastidju lil Anne Seychell, Kevin Seychell u Nadesh Seychell u/ jew b’ mod li kien jaf jew missu kien jaf lid an kien ta fastidju ghal imsemmija Anne Seychell, Kevin Seychell u Nadesh Seychell;

5) Ingurja u/ jew hedded lil Anne Seychell, Kevin Seychell u Nadesh Seychell;

6) Hebb ghal Anne Seychell, Kevin Seychell u Nadesh Seychell sabiex jingurjahom, idejjaqhom u/ jew jaghmlilhom il- hsara;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat in-nota tal-Avukat Generali, li permezz taghha hu ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza titmexxa b’mod sommarju minn din il-Qorti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f'din il-kawza;

Rat illi l-parte civile f'din il-kawza, li hija mart l-istess imputat, talbet biss li bhala piena tinhareg Ordni ta' Protezzjoni favuriha w uliedha, u talbet lill-Qorti biex ma tinghatax piena ta' prigunerija kontra l-imputat;

**Ikkunsidrat:**

Wara li rat l- Artikoli 41 (1) (b), 251B (1), 339 (1) (e), 221, 251A (1) (a) (b) u 339 (1) (d) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tordna ordni ta' protezzzjoni favur Anne Seychell, Kevin Seychell u Nadesh Seychell ghal sena ai terminu tal- Artikolu 412C tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------